14 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Antonio Zammit

*versus*

Onor. Imħallef Anthony J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D. et. ne.

**Pagament — Prova — Art. 1195 (1) tal-Kodiċi Ċivili**

*Huwa prinċipju magħruf illi min jeċċepixxi l-pagament hu obligat jipprova mhux biss li ħallas dak li kien dovut lill-kreditur, iżda li ħallas lill-kreditur jew lil persuna li jkollha minn għandu, mill-Qorti, jew mill-liġi, is-setgħa li tirċievi l-ħlas. Billi jipprova li huwa ħallas lil persuna li ma kienetx il-kreditur jew persuna li setgħet tirċievi l-ħlas għalieħ, dan il-ħlas ma jilliberahx quddiem il-kreditur.*

*Avvolja jirriżulta li d-debitur ħallas in bwona fede lil persuna li ma setgħetx tirċievi dak il-ħlas, u li huwa ġie ngannat, id-debitur jibqa' dejjem obligat iħallas lill-veru kreditur; għax dan ma għandux ibati l-konsegwenzi tal-iżball tad-debitur jew tal-ingann li dan sofra.*

Il-Qorti;—Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, billi l-attur, b'inkariku tal-Kumitat fuq imsemmi, għamel xogħolijiet tal-elettriku in konnessjoni mal-festeġġjamenti magħmula lill-Maestà Tagħha r-Reġina, liema xogħolijiet swew £69.5.0., talab li l-konvenuti nomine jiġu minn din il-Qorti kundannati jħallsu lill-attur is-somma ta' £69.5.0, prezz tax-xogħol fuq imsemmi. Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali minn notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar 1955;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti nomine, li biha ssottomettew illi l-ammont mitlub ġie fil-fatt imħallas mill-Kumitat fil-11 ta' Novembru 1954 lil Antonio Zammit, li ma hemm xejn li jindika li mhuwiex l-istess bniedem li ntenta l-preżenti ġudizzju;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, ikkonkluda li l-konvenuti ma rnexxielhomx jippruvaw li l-attur kien l-istess persuna li nkassa ċ-cheque ta' £69.5.0, u li għalhekk il-pretensjoni dedotta fiċ-ċitazzjoni hija fondata fil-fatt u fid-dritt;

Illi l-Qortti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, taqbel mal-konklużjonijiet li għalihom wasal il-perit ġudizzjarju. Difatti, huwa prinċipju magħruf illi min jeċċepixxi l-pagament hu obligat jipprova mhux biss li ħallas dak li kien dovut lill-kreditur, iżda li ħallas lill-kreditur jew lil persuna li jkollha minn għandu, mill-Qorti jew mill-liġi, issetgħa li tirċievi l-ħlas (arg. art. 1195(1) Kod. Ċiv.); u dina l-prova ma saretx mill-konvenuti, kif kien dmir tagħhom. Veru li huma ppruvaw li ħallsu lil Tony Zammit, jew almenu lil persuna li kkwalifikat ruħha u ffirmat b'dak l-isem; iżda dan mhux biżżejjed, għaliex jibqa' dejjem li l-ħlas ma sarx lill-veru kreditur, jiġifieri lill-attur jew lil persuna li setgħet tirċievi l-ħlas għalieħ. Veru wkoll li l-konvenuti ħallsu, in bwona fede, lill persuna li kienu jaħsbu li kien il-veru kreditur, u li, milli jidher, ġew ingannati: imma dan ma jġibx li l-konsegwenzi tas-supposta falsità għandu jbatihom l-attur;

Il-Pothier jipprospetta l-każ ta' mandatarju falz, u josserva li l-konsegwenzi għandu dejjem ibatihom id-debitur; "poichè non vi ha in tal caso nessuna colpa per parte del creditore, ed è tutta dalla parte del debitore, che doveva

informarsi della verità del mandato; perciò un tal pagamento non libera il debitore, ed è nullo" (Obbligazioni, §510);

F'dan is-sens huwa wkoll l-insenjament tar-Ricci:- "Al mandato ad esigere non può equivalere la supposizione o credenza erronea del debitore che una data persona sia stata incaricata dal creditore ad esigere, dappoichè, come osserva la Corte di Appello di Torino, l'errore di chi opera il pagamento non pregiudica i diritti del creditore, e la credenza di legalità di un atto civile, per sè stesso inefficace rimpetto a taluno, non discarica il debitore della propria obbligazione (Diritto Civile, Vol. VI, §253);

Illi l-konvenuti ma ppruvawx li ħallsu lill-attur, u lanqas lil min seta' jirċievi l-ħlas għalieħ; u għalhekk il-ħlas tagħhom ma jilliberahomx quddiem l-attur;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attur, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nomine, barra dawk relativi għas-seduta tas-26 ta' Settembru 1956, li għandhom jitħallsu mill-attur.